MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 398/2000/1

**Mehemmed Izzidin Bek Derna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sun Valley Co Ltd**

**Vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp**

**Il-Qorti,**

**I Preliminari**

1. Mehemmed Izzidin Bek Derna nomine ("l-appellant") irriassunta l-fatt li taw lok ghal dan l-appell hekk:-
" Illi r-rikorrent nomine huwa l-proprjetarju tal-lukanda bl-isem 'Sun Valley', fi Pioneer Road, Bugibba, u fil-25 ta' Novembru 1992, huwa ssottometta applikazzjoni quddiem l-Awtorita` dwar l-Ippjanar sabiex jinghata permess illi jzid fil-lukanda gja` ezistenti zewg sulari u "receded roof structure". Din l-applikazzjoni giet rifjutata fit-8 ta' Lulju 1995 mill-Kummissjoni appellata principalment ghar-raguni illi l-izvilupp propost biex jeccedi l-gholi massimu permess ghall-lokalita` ta' Bugibba, u kif ghaliex l-izvilupp propost ma kienx jipprovdi ghall-ipparkjar ta' vetturi. In segwitu ghal dan ir-rifjut, ir-rikorrent nomine ssottometta appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghar-revoka ta' dan ir-rifjut u l-hrug tal-premess relattiv, izda b'decizjoni moghtija fit-30 ta' Ottubru 2000, l-istess Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar ikkonferma c-cahda tal-Kummissjoni appellata.

2. Kopja ta' din id-decizjoni qieghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha. Bizzejjed hawn li tigi riprodotta l-parti konklusiva taghha, billi fil-parti precedenti ma hija xejn hlief is-sottomissjonijiet bil-miktub li ghamlet l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Il-Bord ikkonkluda hekk:
"Il-Bord jaqbel mas-sottomissjonijiet migjuba mill-Awtorita`. L-applikazzjoni ghandha ammont ta' problemi:

- Height limitation
- CPPS inapplikabbli m'ghandhomx
- Binjiet fil-madwar, l-gholi li qed jitlob l-applikant li jmur oltre l-*height limitation.*

Punt mhux traskurabbli huwa li l-applikazzjoni tmur lura ghal 1992. Minn dak iz-zmien ghaddew diversi snin li fihom kemm il-darba saru tibdiliet rigward pjanijiet u policies anke lokali. Ebda tibdil li sar ma affettwa possitivament l-applikazzjoni odjerna.

Il-Bord ma ghandu ebda triq ohra ghajr li jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut relattiv."

**II L-Appell.**

3. Minn din id-decizjoni tal-Bord, l-appellant intavola appell quddien dina l-Qorti fil-14 ta' Novembru 200. Ghar-ragunijiet imsemmija minnu fir-rikors ta' l-appell, l-appellant talab illi din l-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar id-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fit-30 ta' Ottubru 2000, u konsegwentament tilqa' l-appell billi tordna l-hrug tal-permess ghall-izvilupp rikjest mill-appellant nomine skond l-applikazzjoni hawn fuq riferita, ossija dina l-istess Qorti tordna illi l-atti tal-istess proceduri jigu rinvjati quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar sabiex jitkompla s-smiegh tal-appell numru PAB 391/95 fl-ismijiet fuq premessi.

4. Apparti li l-Awtorita` tal-Ippjanar wiegbet ghal-lanjanzi fil-meritu tal-appellant, hija ressqet eccezzjoni ta' natura procedurali, li hemm bzonn li tigi investigata u deciza, fl-ewwel lok, billi jekk tinstab li hija gustifikata, din il-Qorti jkollha tieqaf hemm.

**III Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. L-eccezzjoni li giet sollevata mill-Awtorita` hija fis-sens li l-appell huwa null billi mhux ibbazat fuq xi punt ta' dritt li gie deciz mill-Bord.

6. Din l-eccezzjoni hija bazata fuq l-artikolu 15 (2) tal-att Nru **I** (illum Kap. 356) tal-1992 li jaqra hekk:-
"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom inkunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' Appell kostitwita skond l-artikolu 41 (6) tal-Kodici ta' Organinazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi prezentat biss flimkien ma' appell minn decizjoni finali tal-Bord."

Din il-Qorti kellha okkazzjoni li tikkummenta fil-fond fuq din id-disposizzjoni f'ghadd kbir ta' sentenzi li din il-Qorti

ppronunzjat ricentement. Ghalhekk ma thossx in-necessita` li tirrepeti ruhha f'din is-sentenza. Bizzejjed jinghad li m'hemmx dritt ta' appell fuq il-fatti tal-kaz u lanqas fuq punti ta' dritt, hlief biss fil-kaz li dawn il-punti ta' dritt ikun gew decizi mill-Bord.

7. Jekk wiehed jaghti harsa lejn il-parti tad-decizjoni li giet testwalment riprodotta f'din is-sentenza, ezattament fil-paragrafu 2 taghha, wiehed isib li l-Bord <u>ma ddecieda l-ebda punt ta' dritt</u>. Allura difficilment wiehed jista' jibbaza appell minn din id-decizjoni lil din il-Qorti, bil-gurisdizzjoni limitatissima li l-imsemmija ligi kkonferitilha.

8. Din il-Qorti ezamint akkuratament il-lanjanzi kollha li elenka l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu u sabet li l-ebda wahda minn dawn il-lanjanzi ma tinvolvi xi punti ta' dritt li kien gie deciz mill-Bord.

9. Il-Bord iddecieda li jichad l-appell bazikament ghaliex l-izvilupp kien jeccedi l-gholi massimu permess fil-lokal, ghaliex l-izvilupp ma kienx jipprovdi n-numru ta' parking spaces rikjest u ghaliex il-bini ta' madwar l-izvilupp ma kienx jindika li hemm "commitment" biex l-gholi massimu jigi trasgredit. Quddiem il-Bord, l-appellant ressaq diversi argumenti biex jikkumbatti dawn id-diffikultajiet li l-proposta tieghu kienet timmanifesta. Dawn l-argomenti gew kontestati mill-Awtorita` u l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar – li hu kompost minn zewg membri teknici esperti fil-materja – deherlu li kellu jaqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` u b'hekk jichad l-appell proprju ghar-ragunijiet telegrafikament minnu moghtija.

10. L-appellant jittanta jqajjem quddiem din il-Qorti l-istess jew kwazi l-istess, argomenti li ressaq bla success quddiem il-Bord – bhal li kieku din il-Qorti kellha xi gurisdizzjoni li tissindaka l-konkluzjonijiet fattwali u teknici tal-Bord. Evidentement, dan hu kollu skorrett, proprju ghaliex skond id-dispozizzjoni citata qabel, din il-Qorti tista' tissindaka <u>biss</u> konkluzjonijiet tal-Bord li jkunu jinvolvu punti ta' dritt li jkunu gew decizi minnu.

11. Lanqas ma tista' din il-Qorti tinvestiga l-allegazzjoni tal-appellant li saret xi diskriminazzjoni kontrih bi ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem. Kull ma tista' taghmel din il-Qorti, f'dana l-istadju hu li tirriserva kull dritt li jista' jkollu "si et quatenus" f'dan ir-rigward.

12. Illi ghalhekk hemm lok li l-pregudizzjali sollevata mill-Awtorita` tigi milqughha.
13. Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' l-imsemmja eccezzjoni tan-nullita tal-appell u konsegwentament tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata. U peress li l-appell hu wiehed frivolu u vessatorju fis-sens tal-Art. 223 (4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas spejjez doppji lill-Kummissjoni appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------